DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1104

tal-25 ta' Ġunju 2019

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/116 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra t-talba mill-Gvern Estonjan,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/116 ([1]), li taħtar, b'mod partikolari, il-membri u l-membri supplenti tal-Estonja tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020.

(2) Is-Sur Mihkel JUHKAMI (*Mayor of Rakvere City*) u s-Sur Kurmet MÜÜRSEPP (*Member of Antsla Rural Municipality Council*) ilhom membri tal-Kumitat tar-Reġjuni mis-26 ta' Jannar 2015.

(3) Is-Sur Rait PIHELGAS (*Mayor of Ambla Rural Municipality*) u s-Sur Jan TREI (*Mayor of Viimsi Rural Municipality*) ilhom membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni mis-26 ta' Jannar 2015.

(4) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Ġunju 2019, il-Gvern tal-Estonja informa lill-Kunsill dwar bidliet fil-kariga tal-mandati elettorali eżistenti tas-Sur Mihkel JUHKAMI, is-Sur Kurmet MÜÜRSEPP, is-Sur Rait PIHELGAS u s-Sur Jan TREI.

(5) Id-Deċiżjoni (UE) 2015/116 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2015/116, l-entrati li jikkonċernaw is-Sur Mihkel JUHKAMI u s-Sur Kurmet MÜÜRSEPP huma sostitwiti kif ġej:

"Is-Sur Mihkel JUHKAMI

Chairman of Rakvere Town Council

Is-Sur Kurmet MÜRSEPP

Deputy Mayor of Antsla Rural Municipality".

Artikolu 2

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2015/116, l-entrati li jikkonċernaw is-Sur Rait PIHELGAS u s-Sur Jan TREI huma sostitwiti kif ġej:

"Is-Sur Rait PIHELGAS

Mayor of Järva Rural Municipality

Is-Sur Jan TEI

Member of Viimsi Rural Municipality Council".

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
A. ANTON